

Id-daħla taċ-Ċimiterju tal-Mellieħa mibni bejn l-1853 - 1854

J. Muscat

# Il-Bidu taċ-Ċimiterju tal-Mellieħa

Minkejja li kien biss fis-snin tletin tas-seklu 20, taħt il-Kappillan Dun Indri Fenech, li d-dfin beda jsir fiċ-ċimiterju ta' wara l-knisja, iċ-ċimiterju jaf il-bidu tiegħu f'nofs is-seklu 19, qabel ma nbniet il-Knisja Parrokkjali. Iċ-Ċimiterju nbena bejn l-1853 u l-1854, fuq talba tas-Sindku tar-raba' distrett Dr. Carmelo Trapani, li taħtu kienet taqa' l-Mellieħa flimkien man-Naxxar, il-Mosta, il-Għargħur u nħawi oħra fin-naħa ta' fuq ta' Malta.[1]

Ġara li fl-ewwel jiem ta' l-1853 mietu 6 persuni bil-ġidri fil-Mellieħa.[2] It-tabib tar-raħal (medico dei poveri) Dr. Giuseppe Trevisan minnufih għarraf lill-awtoritajiet bl-imwiet u s-Sindku Trapani, f'ittra li bagħat lis-Supretendent tal-Pulizija fil-11 ta' Jannar ta' l-1853, talab lill-Gvern Ingliż biex jibni ċimiterju fil-Ġnejna ta' Skrajda, ħalli jkun hemm post fejn jidfnu l-vittmi tal-Marda.[3]

Dak iż-żmien ma kienx hawn il-kura u l-mediċini li għandna llum. Hekk kif tfaqqa' xi marda l-poplu kien jitriegħex għax kienu jkunu bosta li jispiċċaw vittmi ta' xi mxija. L-esperjenzi qarsa tal-pesta ta' l-1813, li qatlet ma' l-4,000 ruħ[4] u laqtet ukoll lill-Mellieħa,[5] u aktar u aktar tal-kolera li fl-1837 ħakmet lil gżiritna,[6] tista' tgħid kienu għadhom jidwu f'moħħ il-poplu u l-mexxejja barranin tiegħu. Mhux ta' b'xejn li s-Sindku Trapani wera ruħu mħasseb fl-ittra li kiteb lill-awtoritajiet u talab li jinbena kemm jista' jkun malajr ċimiterju fil-Mellieħa.[7]

Fl-1854 fil-Mellieħa kienu jgħammru 736 ruħ, 361 raġel u 375 mara. Ħafna mill-Melleħin kienu jaħdmu r-raba', raħħala, bennejja, bdiewa u sajjieda. Kien jitkabbar ħafna qamħ, xgħir, ful, qoton u kemmun, fil-waqt li kien hawn 396 nagħġa, 99 baqra, 72 mogħża u 85 bejn bgħula, ħmir u żwiemel. Il-Mellieħa kienet titqies bħala raħal rurali, fejn il-biedja kienet qed tiżviluppa b'pass mgħaġġel u fejn kien għad hawn meded sħaħ ta' xagħri.[8]

Fl-ittra tiegħu dwar iċ-ċimiterju, is-Sindku Trapani bassar li minħabba l-ġidri, kienu se jmutu aktar nies fil-ħâra Melleħija. Minħabba f'hekk, is-Sindku ħaseb li ma kienx se jkun hemm aktar post fejn jidfnu n-nies.[9] Dawk iż-żminijiet id-dfin tal-Melleħin kien isir fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, u kien hemm biss 24 qabar,[10] x'aktarx fil-korsija.



*In-naħa tax-xellug taċ-Ċimiterju minn ġewwa flimkien mal-Kappella*

J. Muscat

Skond l-ittra tas-Sindku kien il-Kappillan Dun Ġużepp Baldacchino li ħareġ bl-idea li ċ-ċimiterju jsir fil-Ġnejna ta' Skrajda u dan wara li ikkonsulta mat-Tabib Trevisan, li min-naħa tiegħu qabel mal-proposta.[11] Intgħażlet il-Ġnejna ta' Skrajda għax kienet art pubblika, fuq għolja u mirjieħa.[12] Dak iż-żmien ma kienx hemm bini qrib ta' Skrajda. Il-qalba tal-Mellieħa kienet għadha kif bdiet tissawwar skond pjan imfassal fl-1848-1849. Hafna Melleħin kienu għadhom jgħixu fl-għerien ta' mal-widien bħall-Imġiebaħ, Għajn Żejtuna, Ġnien Ingraw, San Niklaw, il-Miżieb, il-Blata u mkejjen oħra.[13]

Is-Supretendent tal-Pulizija Sir Frediric Sedley għadda l-ittra tas-Sindku lis-Segretarju Ewlieni tal-Gvern Ingliż Sir Henry Lushington. Is-Supretendent irrakkomanda li ċ-ċimiterju jinbena minnufih, ħalli f'każ li l-ġidri tinfirex u toqtol aktar nies, ma tinħoloqx problema akbar bin-nies mejta.[14] Il-Gvern Ingliż aċċetta li jibni ċ-ċimiterju kif jixhdu l-estimi għas-sena 1854 fejn ġiet allokata somma ta' flus għall-bini taċ-ċimiterju.[15]

Ma jidhirx li l-ġidri baqgħet tinxtered fil-Mellieħa. Tul l-1854, skond il-Bord tas-Sanità, mietu biss 5 persuni fir-raba' distrett tort ta' dik il-marda.[16] Madankollu, il-Gvern Ingliż, konxju mid-diżastru ekonomiku u soċjali li xi epidemija setgħet iġġib magħha, xorta ħa l-miżuri kollha biex jassigura li ma tinfirixx il-ġidri u l-ebda marda infettiva oħra.

Hekk ngħidu aħna fl-1854 il-Kappillan Baldacchino tqabbad ibajjad il-propjetà tal-knisja fosthom il-Kmamar tas-Santwarju,[17] u ftit xhur qabel fl-1853, fis-sena li fiha saret it-talba biex jinbena ċ-ċimiterju, il-pulizija tqabbdu jneħħu l-ilma qiegħed tal-bwar ta' xi widien fil-Mellieħa minħabba l-biża' li setgħet tfaqqa' l-marda tal-malarja.[18]

Il-widien li tbattlilhom l-ilma tul is-sajf tas-sena 1853 kienu: ta' l-Imġiebaħ, tal-Madonna, ta' Selmun (wisq probabbli tal-Kalkara) u t'Għajn Tuffieħa. L-ilma ta' nixxiegħa qrib l-Imġiebaħ ma tħalliex ikompli jgelgel lejn il-bur f'qiegħ il-wied imma tħaffer kanal biex l-ilma jmur f'għajn u b'hekk setà jintuża għat-tisqija tal-bhejjem.[19]

Iċ-Ċimiterju tal-Mellieħa ma damx wisq biex inbena. Fi ftit xhur bejn l-1853 u l-1854 qrib is-Santwarju, fil-Ġnejna ta' Skrajda tħaffru



*L-oqbra fil-korsija tas-Santwarju fejn kien isir id-dfin kollu qabel inbena ċ-Ċimiterju l-ġdid*

12-il qabar u fossa, inbniet kamra, u ttella' l-ħajt m'ogħla 10 piedi. B'kollox iċ-ċimiterju ġie jiswa 79 lira.[20] Ma nafux meta ndifnet l-ewwel persuna fiċ-ċimiterju u dawk li ndifnu hemm qabel is-sena 1936 kienu ftit għexieren. It-triq li tagħti għaċ-ċimiterju bdiet tissejjaħ Strada Cimitero u baqgħet tissejjaħ hekk sa l-għoxrinijiet tas-seklu 20 meta ngħatat l-isem Via Parrocchia (Triq il-Parroċċa).[21]

Sa mill-1854 bdiet tinżamm l-ewwel statistika medika mill-ewwel tabib tar-raħal, Dr. Giuseppe Trevisan. Dr. Trevisan beda jieħu ħsieb il-kura tal-komunità Melleħija fl-1852.[22] Kienet biċċa xogħol iebsa ħafna għalih minħabba l-firxa tat-territorju u n-nies tiegħu. Fl-1854 fil-Berġa tal-Mellieħa Dr. Trevisan invista 170 ruħ, li minnhom 89 kienu jeħtiġilhom trattament mediku u 43 oħra tilqima.[23]

Bis-saħħa ta' Dr. Trevisan il-Melleħin setgħu jirrikorru għal għand tabib fir-raħal u b'hekk ma kienx jeħtiġilhom iterrqu 'l bogħod f'każ ta' xi mxija. Il-biża' mill-ġidri, il-kolera u mard ieħor wassal lin-nies biex tirrikorri għand it-tabib tal- fqar, anke jekk kienu ħafna li għall-ewwel kienu jiddubitaw fih u jħarsulu bl-ikrah. Fl-1855 biss Dr. Trevisan għamel 482 vista medika fil-berġa u 211-il vista fid-djar, li minnhom 27 saru matul il-lejl.[24]

Mill-1854 'l hawn iċ-ċimiterju għadda minn bosta tibdil. Sforz il-ħeġġa tal-Kappillan Dun Franġisk Maria Magri, magħruf l-iktar għall-bini tal-Knisja Parokkjali, iċ-Ċimiterju tkabbar biex ġie jesa' 65 qabar għall-kbar u 33 għaż-żgħar.[25] Imbagħad mill-1936 'il quddiem taħt il-Kappillan Dun Indri Fenech id-dfin ma baqax isir fis-Santwarju imma beda jsir fiċ-Ċimiterju tal-Mellieħa.[26]

Is-sena d-dieħla ċ-Ċimiterju tal-Mellieħa jagħlaq 150 sena. Ikun xieraq li ssir xi lapida biex tfakkar din l-okkazzjoni. Dan għaliex iċ-ċimiterju mhuwiex biss post ta' għożża fejn immorru biex insellmu lill-għeżież tagħna li jkunu ħallewna, imma huwa post storiku bi storja twila, wieħed mill-eqdem ċimiterji f'pajjiżna ta' l-era moderna.

**David Muscat**

---

1 L.G.O. Vol. 17 (1852-1853).
2 Ibid.
3 Ibid.
4 Brian Blouet, *The Story of Malta*. 1989 edition. Chapter 6. p.143.
5 David Muscat, *Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien, Il-Mellieħa fl-ewwel nofs tas-seklu 19*, p. 90
6 B. Blouet, p. 149.
7 L.G.O. Vol. 17 (1852-1853).
8 L.G.O. Vol. 48 (1855).
9 L.G.O. Vol. 17 (1852-1853).
10 Ibid.
11 Ibid.
12 Ibid.
13 D. Muscat, p. 93-94.
14 L.G.O. Vol. 17 (1852-1853).
15 L.G.O. Vol. 25 (1853).
16 L.G.O. Vol. 46 (1854).
17 Alexander Bonnici, *Il-Mellieha*, p.113.
18 L.G.O. Vol. 24 (1853).
19 Ibid.
20 L.G.O. Vol. 17 u Vol. 25 (1852-1853).
21 Jimmy Muscat, *Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien, Inħawi Abitati u Toroq*, p. 127
22 L.G.O. Vol. 6 (1852).
23 L.G.O. Vol. 45 (1854).
24 L.G.O. Vol. 61 (1856).
25 *Id-Devoti ta' l-Erwieħ tal-Purgatorju, Vol. VI, No. 45*, p. 781. (1937).
26 A. Bonnici, p.125 u J. Muscat, p.127.